**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

# GUDIKATUR: DR ANTHONY ELLUL, LL.D.

**SEDUTA TA' NHAR IT-TLIETA 12 TA' MARZU, 2002**

**Numru: 15**

**Avviz Nru: 1777/01 AE**

**Fogg Insurance Agencies Limited ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta estera Norwich Union International Insurance Limited kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurat taghha Ronald Pace ghab-bazi tal-polza ta' assigurazzjoni tat-tip comprehensive u tal-Ligi u l-istess Ronald Pace**

**vs**

**Karen Domenici**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu l-atturi talbu li l-konvenuta tigi kkundannata thallas is-somma ta' elf mitejn u disgha liri Maltin u disgha u tletin centezmu (Lm1,209.39) hlas

dovut bhala danni sofferti mill-attur Ronald Pace, u li ghalihom ghamlet tajjeb is-socjeta attrici Fogg Insurance Agencies Limited, abbazi tal-polza tat-tip comprehensive, salv ghal excess ta' mitejn lira Maltija (Lm200) kif ukoll erbgha u tletin lira Maltija u hamsin centezmu (Lm34.50) ghall-kiri ta' vettura alternattiva, imhallsa mill-istess Ronald Pace, bhala rizultat ta' l-incident tat-traffiku li sehh fil-11 ta' Awissu 2000 fil-11.15 a.m. gewwa Imriehel By Pass bejn il-vettura propjeta ta' l-attur Ronald Pace, bin-numru COR 007 u l-vettura misjuqa mill-konvenuta bin-numru KRN 214, liema incident sehh minhabba traskuragni, negligenza u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku min-naha tal-konvenuta.

Ra r-risposta tal-konvenuta li biha kkontestat il-htija ghall-incident in kwistjoni.

Semgha x-xhieda li tressqu mill-partijiet.

Semgha t-trattazzjoni ta' l-avukati difensuri tal-partijiet.

Ra l-atti tal-kawza.

Ikkunsidra:

1. L-incident meritu tal-kawza sehh fil-11 ta' Awissu 2000 gewwa l-By Pass ta' l-Imriehel. Il-vettura misjuqa mill-

konvenuta harget minn triq sekondarja, waqt li dik misjuqa mill-attur Ronald Pace kienet ghaddejja minn fuq il-By Pass (it-triq principali).

2. Skond Regolament numru 76 tar-Regolamenti tal-1994 Dwar il-Vetturi bil-Mutur (A.L. 128 ta' l-1994):

*"Triq principali hi dik li t-traffiku kollu li jkun ghaddej minnha jkollu d-dritt tal-moghdija u t-traffiku u t-toroq kollha li jaghtu ghaliha ghandhom jaghmlu l-wisa' lil dak tat-triq imsemmija hawn fuq, izda, b'danakollu, id-driver ta' kull vettura bil-mutur sew fi triq principali jew sekondrja ghandu joqghod attent il-hin kollu u ghandu jiehu l-prekawzjonjiet kollha mehtiega f'kull kantuniera".*

Skond paragrafu 213 tal-Kodici ghat-Traffiku fit-Triq, 2001:

*"F'salib it-toroq jew ghaqda ta' triq principali ma' triq sekondarja, it-traffiku fit-triq sekondarja ghandu jaghti d-dritta lit-traffiku li jkun ghaddej fi, jew li jkun hiereg minn, it-triq principali".*

3. Fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Anthony Galea** (deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fil-5 ta' Settembru 1953 – Vol. XXXVII.iv.1137) inghad:

*"Fis-sistema Malti, is-side road user ghandu l-obbligu li jcedi ghat-traffiku fuq il-main road, ghandu l-obbligu li jesplora tajjeb il-main road qabel ma johrog fiha, ghandu l-obbligu li jmixi dead slow u sahansitra jwaqqaf biex u sakemm jaccerta ruhu li jista' johrog bla hsara. U l-main road user ukoll ghandu joqghod attent fil-cross roads; imma l-grad ta' diligenza li tinkombi lilu hu ferm inqas, ghax hu ma jkunx qieghed jiddisturba l-kors tat-traffiku, imma jkun miexi fuq triq dritta".*

Fil-kawza fl-ismijiet Pulizija vs Pawlu Borg (Vol. XXXVI.i.797) inghad:

*"ghalkemm sewwieq ghandu joqghod attent sia jekk ikun fuq triq dritta kemm ukoll jekk ikun se jidhol fiha, huwa principju affermat f'diversi decizjonijiet tal-Qrati Nglizi li sewwieq li se jidhol fit-triq dritta minn triq ohra ghandu obbligu akbar minn dak is-sewwieq fuq it-triq id-dritta ghas-semplici raguni li hu jkun se jaqsam li 'stream of traffic' li jkun hemm fuq it-triq dritta; mentri s-sewwieq fuq it-triq id-dritta ladarba se jkompli ghad-dritt ma jkun se jfixkel lil hadd".*

Sahansitra fil-kawza fl-ismijiet **Pulizija vs C. Balzan** (Appell Kriminali) deciza fis-27 ta' Mejju 1967 inghad: *"il-fatt li s-side*

*road user gie milqut meta kien ittraversa bicca sewwa mit-triq principali huwa rrilevanti".*

4. L-attur kellu d-dritta fuq il-konvenuta, li min-naha taghha kellha l-obbligu li tieqaf u ma tohrogx qabel ma tassikura ruhha li setghet tohrog meta t-triq kienet *clear*. L-obbligu taghha kien li tibda u tispicca l-manuvra kollha li riedet taghmel b'sigurta ghaliha u ghal vetturi l-ohrajn. Obbligu li ma kienx ristrett sa nofs it-triq biss. Mill-provi rrizulta li l-konvenuta kellha vizwali tajba u fit-tul fid-direzzjoni minn fejn kienet gejja l-vettura misjuqa mill-attur. B'danakollu hija xehdet li qabel ma harget mit-triq sekondarja l-vettura ta' l-attur ma rathiex. Din ix-xhieda m'hijiex accettabbli. Mhux possibbli li l-konvenuta harset fid-direzzjoni mnejn kien gej l-attur u ma rat l-ebda traffiku gej. Il-vizwali kienet libera u fit-tul u l-attur certament kien fit-triq mnejn kien gej u kien x'kien li speed li hu kien qed isuq bih, certament li kien in *plain view* tal-konvenuta. Jekk, kif xehdet il-konvenuta, ma ratux, dan ifisser li jew ma harset xejn jew jekk harset ma harsitx sew. Huwa dan l-agir min-naha tal-konvenuta li fil-fehma tat-Tribunal ipprovoka l-incident in kwistjoni. Dan qieghed jinghad minghajr pregudizzju ghall-fatt li m'hemmx prova konklussiva ta' xi velocita' esagerata min-naha ta' l-attur li kienet timpedih milli jirejagixxi tempestivament sabiex jiehu *evasive action* (azzjoni li mill-provi rrizulta li l-attur ipprova jiehu izda kien hemm distanza qasira wisq sabiex jirnexxielu jevita l-incident). Il-fatt li meta sehh l-incident il-konvenuta kienet diga' hadet postha fit-triq,

ma jnaqqasx mill-htija. Distanza ta' bejn hmistax u ghoxrin metru massimu hija perkoribbli f'tebqa ta' ghajn u ma kenitx twila tali li jista' jinghad li ma ssorprenditx lill-attur gejn minn fuq il-lemin taghha. It-Tribunal ghalhekk jasal ghall-konvinciment illi l-kawza prossima w immedjata tas-sinistru kien il-mod inkonsult u negligenti kif il-konvenuta harget fit-triq principali bla ma hadet il-prekawzjonijiet li r-regolamenti tat-traffiku u l-prudenza kienu jimponu fuqha.

5. L-ammont ta' danni reklamati ma giex kontestat, u jirrizulta ppruvat.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jilqa' t-talba ta' l-atturi u:

1. Jiddikjara lill-konvenuta unikament responsabbli ghall-incident tat-traffiku li sehh fil-11 ta' Awissu 2001 gewwa l-By Pass ta' l-Imriehel.

2. Jikkundanna lill-konvenuta thallas lill-atturi s-somma ta' elf mitejn u disgha liri Maltin u disgha u tletin centezmu (Lm1,209.39) hlas dovut bhala danni sofferti mill-attur Ronald Pace, u li ghalihom ghamlet tajjeb is-socjeta attrici Fogg Insurance Agencies Limited, abbazi tal-polza tat-tip comprehensive, salv ghal excess ta' mitejn lira Maltija (Lm200) kif ukoll erbgha u tletin lira Maltija u hamsin centezmu (Lm34.50) ghall-kiri ta' vettura alternattiva li huma pagabbli lill-attur Ronald Pace.

Bl-ispejjez (inkluzi d-drittijiet legali) kollha kontra l-konvenuta.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**

**Gudikatur**